

# L-Aġenda Diġitali Tgħin Biex Jiżdied il-Kummerċ

**L-Aġenda Diġitali hija waħda mis-seba' pjanijiet ta' azzjoni tal-Istrateġija 'Ewropa 2020', il-pjan tal-Unjoni Ewropea (UE) għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u nklussiv sas-sena 2020. Din l-Aġenda hi maħsuba sabiex tgħin biex isir l-aħjar użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-kommunikazzjoni għal tkabbir ekonomiku u sostenibbli.**

Wieħed mill-oqsma tal-Aġenda Diġitali jirrigwarda il-ħolqien ta'Suq Waħdieni Diġitali. Għal dan il-għan il-Kummissjoni Ewropea trid li l-intrapriżi jagħmlu użu akbar tal-internet biex iżidu u jwessgħu l-kummerċ tagħhom u biex dan jgħinhom jużaw ir-riżorsi tagħhom aħjar.

Fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea hemm varjazzjonijiet sostanzjali f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-internet, bil-pajjiżi Nordiċi u l-Ingilterra fuq quddiem fejn jidħol ix-xiri onlajn. Madankollu, il-figuri u fatti hawn taħt juru l-użu  tal-internet għal skopijiet kummerċjali qiegħed kull ma' jmur jiżdied fil-pajjiżi kollha tal-UE:

● Fl-2009, 6 minn kull 10 intrapriżi fis-27 Pajjiż Membru kellhom il-websajt tagħhom. L-intrapriżi kbar huma dawk li jagħmlu l-iktar użu mill-internet għal skopijiet ta' kummerċ.

● F'Malta bejn l-2009 u l-2010 kien hemm żieda fin-numru ta' intrapriżi li għandhom websajt. Fuq l-istess perjodu ta' żmien l-intrapriżi żgħar u medji raw żieda sostanzjali fil-bejgħ tagħhom permezz tal-internet.

● Statistika mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) turi li l-intrapriżi hawn Malta li għandhom konnessjoni tal-internet 'broadband' hija għola mill-medja tal-Unjoni Ewropea.

● Statistika mill-Eurostat turi li kien hemm żieda kontinwa dawn l-aħħar snin fix-xiri permezz tal-internet fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Il-persentaġġ ta' Ewropej bejn l-età ta' 16-74 li xtraw permezz tal-internet tela' minn 26% fl-2006 għal 32% fl-2008.

● Ix-xiri permezz tal-internet f'Malta ukoll ra żieda sostanzjali. In-numru ta' Maltin tal-età ta' bejn 16-74 sena li xtraw onlajn tela' għal 22% fl-2008 minn 14% fl-2006.

**Il-Kummissjoni Ewropea tixtieq li l-intrapriżi Ewropej jisfruttaw dejjem iżjed il-potenzjal tal-kummerċ elettroniku. Għaldaqstant hemm bosta pjanijiet ta' azzjoni li bi ħsiebha tieħu l-Kummissjoni fosthom li tirrevedi d-Direttiva 2000/31/KE li tirregola l-kummerċ elettroniku.**

MEUSAC
Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112
Tel: 2200 3300
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt